Newspaper Post

żminijietna
lehen ix-xellug

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru.11 | Lulju-Settembru 2011 | 40c

# ADDIO GĦAL EWROPA SOĊJALI U EKOLOĠIKA

L-Unjoni Ewropea fetħet it-triq għall-iżmantellar ta' Ewropa Soċjali u Ekoloġika. L-Istrateġija Ewropea 2020 u l-pakket ta' Governanza Ekonomika Ewropea (Euro Plus Pact) huma lkoll proġetti b'viżjoni neoliberali.

Il-pakkett *anti soċjali* ta' Governanza Ekonomika Ewropea, li oriġinarjament ġie propost mill-Kancilliera Anġela Merkel u l-President Nicholas Sarkozy, ġie approvat fil-Parlament Ewropew b'maġġoranza sempliċi tal-membri. Il-grupp tax-Xellug magħmul mis-Soċjalisti, il-Ħodor u x-Xellug Magħqud ivvutaw kontra il-pakkett sħiħ kif propost, filwaqt l-grupp tal-lemin u persentaġġ kbir mill-grupp ta' liberali (PPE u ALDE) ivvutaw favur dan il-pakkett ta' miżuri 'anti soċjali' b'mod sħiħ.

L-alleanza fuq in-naħa tax-xellug ta' l-ispektru politiku fil-Parlament Ewropew sejħet dan il-pakkett 'anti-soċjali', li se jwassal biss biex tiżdied aktar id-disparitá fil-qasma soċjali fl-Istati membri. Sañqu li l-pakkett ta' governanza ekonomika huwa soluzzjoni żbaljata għall-kriżi ekonomika u għall-istabilitá fl-Ewro.

Fil-fatt il-proposti li fih il-pakkett, li jvarjaw minn l-abolizzjoni tal-ftehim kollettiv u ta' *Labour price index*, iż-żarmar ta' sistemi pubbliċi tal-fond tal-pensjonijiet u l-privatizzazzjonijiet ta' aktar servizzi pubbliċi, mhumiex xi soluzzjonijiet ġodda fil-dinja globalizzata ta' llum, anzi huma proposti 'antikwati' li f'ħafna pajjiżi fl-Amerika Latina, fl-Afrika ta' Fuq u oħrajn ġew irriġettati mill-poplu stess permezz ta' mobilizzazzjoni massiva ta' nies, movimenti, partiti u għaqdiet tas-soċjetá ċivili li lkoll ikkonfrontaw il-politika Neo Liberali, għal waħda soċjali u sostenibbli.

Il-kliem li uża seħibna Jose' Gabriel Ortiz Zelada mill-Gwetemala, fl-intervista magħna, biex jiddeskrivi dan il-fenomenu tan-Neo liberaliżmu, li ħafna esponenti tal-lemin jiftaħru bih, anke f'Malta, jgħid hekk li *"In-Neoliberalizmu faqqar il-poplu u kisser is-saħħa ta' l-Istat li jipproteġi l-ħaddiema u l-familji tagħhom. Il-kumpaniji ħadu kmand assolut ta' dak li jrid isir. In-Neoliberalizmu mhux is-soluzzjoni għal prosperitá ta' nies, imma mhux biss mhux is-soluzzjoni, imma faqqar u seraq ir-riżorsi tal-popli".*




Jidher allura li esponenti tal-Gvern għadhom ma tgħallmux. L-istess qed jiġri fl-Ewropa llum, min seraq flus il-poplu mhux talli ma ta xejn lura lis-soċjetá, talli ġie mitmugħ flus il-poplu biex isalva minn falliment. Il-kumpaniji jridu li jkollhom kontroll assolut fuq il-kuntratt ta' xogħol mingħajr indħil trejdjunjonistiku jew ta' l-Istat. Iridu li ż-żieda fil-pagi jkun suġġett għall-intrapriżi privati li jiddeċiedu huma, meta u kif għandhom jiżdiedu. Iridu li żieda għall-għoli tal-ħajja tispiċċa. F'kelma oħra jridu politika ekonomika li tħares biss l-interess tal-banek, is-settur privat u swieq finanzjarji, u mhux li tħares l-interess tan-nies tax-xogħol, familji u pensjonanti.

Fil-fatt dan il-pakkett m'għandu x'jaqsam xejn ma' demokrazija u ħafna aktar ma' l-kunċett ta' Ewropa soċjali u ekoloġika.

Il-Partiti tal-Ħodor (European Green Parties) sejħu il-vot miksub bħala "falliment biex jidaħħlu miżuri li jiġġeneraw dħul ieħor b'taxxi ġusti u effettivi fuq setturi oħra ta' l-ekonomija biex jibbilanċjaw il-baġits". Komplew biex qalu li dawn il-miżuri ser jispiċċaw jolqtu l-aktar dawk vulnerabbli fis-soċjetá.

Il-blokk tax-Xellug Magħqud (GUE/NGL) qal li dan il-pakkett "ma għandu xejn x'jaqsam ma' demokrazija, u mhux l-inqas ma' Ewropa soċjali u sostenibbli. Qal li rridu hu patt soċjali ta' progress u żvilupp li joħloq xogħol diċenti, drittijiet aktar tax-xogħol, u li jiġġieled il-faqar u l-inugwaljanza soċjali.

Il-Grupp tas-Soċjalisti (PSE) qalu li l-problema mhiex l-Ewropa, imma d-dominanza tal-konservattivi fiha. Komplew biex qalu li l-ossessjoni għal qtugħ fil-miżuri ta' awsteritá ħallew fil-ġenb il-bżonnijiet soċjali tal-popli Ewropej.

Huma ta' dispjaċir ninnotaw li f'Malta l-Partit fil-Gvern appoġġja l-pakkett ta' miżuri 'anti soċjali', kif ukoll ħareġ biċ-ċar li żewġ Membri Parlamentari Maltin fil-UE mill-kamp Nazzjonalista ivvutaw favur. Għalina l-posizzjoni li ħa l-Gvern Malti u żewġ MEPs hi waħda li tmur kontra l-interess tal-ħaddiema u l-familji tagħhom. L-istess din il-posizzjoni ma tawgurax tajjeb għall-Ewropa Soċjali u Ekoloġika.

Minn hawn nappellaw il-ħaddiema, nisa, żagħżagħ u pensjonanti biex jekk vera jridu l-bidla jivvutaw għaliha. Bidla għal Ewropa Soċjali u Ekoloġika tista' sseħħ biss b'vot favur MEPs b'viżjoni Xellugija u Ħadra.

Purchase a documentary DVD on Cuba today from the Malta Cuba Society

-The Day Diplomacy Died
-Mission Against Terror
-One Man's Story
Philip Agee, Cuba and the CIA

Read the synopsis on:
www.maltacuba.com

8 euros each or buy all 3 for 20 euros
contact: maltacuba@gmail.com 79283716



*Ġewwa ...*

**● Evarist Bartolo MP: Fejn sejra il-Knisja?**
**● Nighat Urpani dwar il-kwistjoni Erasmus**

**Kitbiet minn ...**
**A. Pert**
**Mary Anne Zammit**
**Sammy Camilleri**
**Edward Decelis**
**Alfred Consiglio**

# Żewġ Uċuh Tal-Munita 'Neo-Liberali'

**minn A. Pert**

Dħalna f'ċiklu li jirritorna għal stil *neo liberali* ta' ħajja; b'faqar, min-nuqqas ta' kura, edukazzjoni, nutriment, u xogħol fost il-masses. Dan kien inqata' fit-tieni nofs tas-seklu 20 bil-politika xellugija tar-regoli ndustrijali, ekonomiċi, soċjali, u ċivili. Dik il-mixja progressiva ġiet imbuttata lura fl-aħħar snin, bit-tneħħija jew nuqqas ta' osservanza tar-regoli, bit-tmexxija liberali ġdida tal-lemin.

Il-politika neo-liberali tħaddan it-twemmin ta' libertá fin-naħa ekonomika, u hija tal-fehma konservattiva fir-rigward tad-dinjitá tal-persuna ndividwali.

Politika vojta mir-rispett lejn il-libertajiet personali taċ-ċittadin komuni, u mfawra b'imħabba tbaqbaq għall-profitti akkost ta' kollox, għan-nies tal-flus. Fil-qasir jfisser "libertinaġġ fil-qasam ekonomiku, u restrizzjoni tal-libertajiet umani bażiċi taċ-ċittadini".

Waqt li l-progress tad-drittijiet ċivili, umani u trejdunjonistiċi ndividwali jiġġammja, gvern neo-liberali jagħlaq għajnejh għar-regoli ekonomiċi, u jħalli l-qasam ekonomiku f'libertá li jaħdem qisu deregolat, għal qliegħ massimu bla ma jqis l-interess soċjali u nazzjonali.

Bil-mentalitá tas-suq libertin ġew privatizzati l-ażjendi statali biex il-kumpaniji privati ma jsibux kompetizzjoni minn barra ċ-ċirku tagħhom, meta jridu jgħollu l-prodotti u servizzi għal aktar profitti. L-istat tilef id-dħul fil-finanzi li kienu jirrendulu dawk l-ażjendi għall-baġit tiegħu, u s-soċjetá tilfet l-element soċjali ta dawk l-entrapriżi, u tmermrilha l-effett kompetittiv tagħhom fis-suq. B'dan l-aġir u bl-iskuża tal-globalizazzjoni, ħaddiema qed ikunu rikattati jaċċettaw sfruttament skandaluż.

Bl-istess linja libertina tħallew jinkisru regoli finanzjarji nternazzjonali, biex b'attivitajiet illegali, banek kbar famużi xorbu gliegel immensi ta' flejjes fi proġetti immaġinarji mpossibbli, u ħolqu l-kriżi finanzjarja tremenda preżenti,



li minnha xkattaw il-problemi ekonomiċi mad-dinja kollha. Komplew jissikkaw l-għafsa tal-kriżi m`għonq il-ħaddiema, b'miżuri ta' kull tbatija mmaġinabbli.

Rajna l-istraġi li ħallew gvernijiet li addottaw politika ekonomika neo liberali li bl-istess tendenza rresponsabli, mexxew attivitajiet korrotti u mhux vijabbli li fallew l-istat bid-djun esaġerati li l-kotra preżenti u tal-ġenerazzjoni ta' wara, se jkollhom iħallsu minn imnieħerhom.

Dak il-falliment totali tal-ekonomija neo-liberali farrak is-sistema. Għadha tferfer għax gvernijiet influwenti qegħdin jippruvaw isalvawha billi jippumpjaw fiha trilljuni ta' dollari li jriduhom jitħallsu lura bit-taxxi u sagrifiċċji ta' l-għoli tal-ħajja, qgħad u xogħol prekarju tal-kotra, għal medda twila ta' snin li ġejjien.

Din it-tbatija finanzjarja u fiżika mposta mis-sistema ekonomika neoliberali fuq il-kotra, hija spiss aggravata b'iżjed sagrifiċċji psikoloġiċi/morali, bil-projbizzjoni jew limitazzjoni tad-drittijiet umani u ċivili tagħha. Dawn jixxekklu biċ-ċensura fuq l-istampa, ix-xandir, il-letteratura, u kif ukoll bin-nuqqas tal-libertajiet ċivili, u bil-ħelsien ristrett tal-assoċjazzjoni u l-moviment personali.

Dawn ir-restrizzjonijiet jillimitaw l-iżvilupp ta' moħħ il-kotra, u anke jaslu li jindotrinawh fid-direzzjoni ta' '*establishment'*. Eżempju sempliċi b'riħa fundamentalista ta' din it-tattika, rajnieh dan l-aħħar f'Malta meta protagonisti tal-libertinaġġ fil-qasam ekonomiku/ kummerċjali kienu strumentali biex twaqqaf il-front politiku-reliġjuz, li kkonfronta l-introduzzjoni tad-dritt ċivili tad-divorzju. Jippruvaw b'kull mod jeskludu liċ-ċittadini mill-parteċipazzjoni ħielsa soċjali u/ jew reliġjuża/politika/ kulturali/etc. Iċaħħdu wkoll il-persuna mill-ħajja ċivilizzata familjari u privata tal-għażla tagħha.

Dawn l-għamad u sarimi u manetti u mażżri tal-istat neo-liberali jiżvijaw u jaljenaw lill-maġġoranza tal-poplu mill-konsegwenzi li qed tbati mill-politika tal-libertinaġġ fl-ekonomija, u jillimitaw kemm jista' jkun il-possibbiltá li jsiru kuntatti effettivi f'għaqdiet li jistgħu jikkontestaw dak l-għelt. Bl-istess għan tal-aljenazzjoni u direzzjoni tal-massa, n-nuqqas ta' jeddijiet ċivili/umani personali jżommu l-familji tal-kotra l-bogħod mill-idejat u żviluppi ċivili u soċjali, biex jikkunslaw bil-qagħda teħzien tal-ħajja tagħhom, u biex b'sens żgwidat ta' sottomissjoni jikkonservaw l-istatus anti-riformista li jżomm is-setgħa effettiva f'idejn in-nies li jixxalaw bl-inganni tal-belli liri f'biljuni ta' Ewros, u jmeċilqu l-'*gravy'* tal-libertinaġġ tal-ekonomija tas-suq isuq.

---

# Ħsibijiet

ta' Edward Decelis

***Ajruplani tal-gwerra***

Diversi ajruplani militari jew tal-gwerra ta' spiss qed jillandjaw fl-ajruport ta' Malta u jtiru fl-ispazju tal-ajru Malti. U dan bi ksur sfaċċat tal-Kostituzzjoni ta' pajjiżna.

Niftakar sew kif iż-żewġ naħat tal-parlament lokali kienu wiegħdu u ħalfu li se jagħfsu u jħarsu l-kostituzzjoni ta' Malta u n-newtralitá ta' pajjiżna.

Tajjeb li kieku l-membri parlamentari taż-żewġ naħat jagħtu spjegazzjoni ċara u jgħidu għaliex naqsu mid-dmir u l-obbligu tagħhom lejn pajjiżna u lejn l-istess nieshom.

***Air Malta***

Taħt l-iskuża ta' ristrutturar u l-proċess tiegħu, l-Air Malta qed tħaddem magħha lil ċertu Ray Hart u Neale Anderson allegat diretturi tal-kumpanija "Catalyse". U dan wara l-ħatra ta' barrani ieħor Peter Davies bħala l-kap eżekuttiv.

Dawn it-tlieta ma humiex ċwieċ Maltin u għaldaqstant wieħed jimmaġina u jistenna li l-ħlas fenomenali tagħhom jew lilhom se jkun wieħed loġiku u ġust, dejjem skond kif l-Air Malta nefħet il-kapaċitajiet u l-esperjenzi tagħhom.

Spiża kbira bħal din, b'dawn it-talin fit-tmun tat-tmexxija ta' l-Air Malta se tħalli lill-kumpanija tal-ajru tagħna bla nifs u li għaliha se jħallsu l-ħaddiema tagħha billi se jiġi tterminat l-impjieg tagħhom.

Meta wieħed iħares il-quddiem, il-prospetti tal-futur ta' l-Air Malta, ma tantx jidhru sbieħ. Esperjenzi ta' barranin li mexxew azjendi lokali, kellna biżżejjed. U jidher li dan it-trio ma hux se jkun xi wieħed eċċezzjonali.

Jekk issa se nċedu għal dan ir-rikatt fejn il-ħaddiema Maltin se jitilfu ħobżhom għall-benefiċċju tal-barranin, allura vera spiċċajna, u ma baqa' ħadd li jiddefendi l-interessi tagħna l-ħaddiema u oħrajn.

***Sette Giugno***

Is-Sette Giugno ġie kkommemorat fil-kwiet u bla ebda mportanza fil-ġnien ta' Hastings. Dan il-jum li huwa wieħed kbir fit-tifsira tiegħu u b'sinjifikat li ħalla niket u sogħba għall-martri tiegħu. Kien jixraq li jkun imfakkar b'aktar qima. Ix-xellug f'pajjiżna jinħtieġ li jkollu aktar grinta u tifkiriet bħal dawn għandhom isibu ruħhom fuq l-aġenda tiegħu .

---

# *Veru li s-Soċjaliżmu miet?*

***minn Alfred Consiglio***

Qed ngħixu f'ordni soċjali moribond li jagħmel minn kollox biex id-deffien potenzjali tal-ħaddiema jnessi lill-ħaddiema li għandhom storja. Li tikkalzra lill-klassi tal-ħaddiema fil-preżent immedjat, huwa ekwivalenti li ġġiegħla titlef is-saħħa tagħha għal kollox ... għax il-klassi tal-ħaddiema hija klassi storika jew xejn.

Xi erwieħ xettiċi jarawha stramba li aħna nippubblikaw xi esperjenza mill-istorja tal-ħaddiema. Fid-dinja tal-lum l-istampa "uffiċjali" tgħoxa bil-ferħ bil-"mewt" tal-soċjaliżmu u l-komuniżmu. Ir-rebħa definittiva tas-suq hija aċċettata anke minn partiti li jsejjħu lilhom soċjalisti, u fejn it-tmiem tal-qasma fi gruppi opposti suppost tiftaħ il-prospetti vast invinċibli, armonjuż u ta' żvilupp bla tarf tal-kapitaliżmu, li jġib ħelsien u prosperitá lil kulħadd matul il-mogħdija tiegħu.

Għaliex f'dinja hekk, għandna niddedikaw ħin lit-taqtiegħat rivoluzzjonarji tal-ħaddiema matul is-snin? L-istorja mhix newtrali; issir mill-klassijiet soċjali li jagħtuha l-orjentazzjoni tagħhom. Il-bnedmin jagħmlu l-istorja tagħhom. Id-destin tal-umanitá jiddependi fuq l-azzjoni jew n-nuqqas ta' ħeġġa tal-klassijiet ħaddenija, kemm jekk timxi lejn progress jew lejn dekadenza terribbli u distruzzjoni.

Il-kapitaliżmu llum, bil-fażi tiegħu ta' falliment, bis-sensiela ta' gwerer dinjin, kriżijiet permanenti, u disintegrazzjoni soċjali, issa huwa mument deċiżiv fl-istorja. Fir-riskju llum hemm xejn anqas mid-destin tal-umanitá. Is-sopravivenza tal-kapitaliżmu sa tkaxkar lill-umanitá f'abbiss fond ta' gwerra, karistija u qerda.

Id-disfatta tal-ħaddiema fir-Russja bil-kapitaliżmu statali ħalliet it-triq beraħ għal era l-aktar kiefra fl-istorja. Il-miti tal-kapitaliżmu ttrijonfaw kullimkien. Sa mill-1989 il-mit tal-komuniżmu fil-blokk Sovjetiku kien midfun taħt ir-rovini tal-kollass tal-ekonomija Russa biex ikun mibdul bil-gideb sfaċċat.

Anke f'nofs dan kollu, il-kuxjenza klassista tal-ħaddiema ma tgħibx kumpletament. Minoranzi dejjem jidhru biex jibbilanċjaw u jippreparaw il-kundizzjonjiet għar-rebħa li tkun ġejja. Il-ħaddiema ma jisparixxux. Huma klassi sfruttata, u r-reżistenza tagħha lejn l-isfruttament tkompli anke jekk temporanjament tkun aljenata mill-għan rivoluzzjonarju tagħha.

It-taqtiegħat bla preċedent tal-passat huma hemm biex juru li l-ġlieda mhix xi ħrafa tal-passat, ta' interess biss għal tixbieh nostalġiku. Il-qawmien tal-ħaddiema, li soċjalisti distinti ħasbu li kien midfun u ridott għal stat ta' ikona, huwa hemm biex juri li l-pożizzjonijiet tax-xellug ma kienux u m'humiex sempliċiment "utopja" ta' ftit għalliema bla ndiema. Il-proletarjat illum m'hux xi ħrafa imma realtá ħajja.

Editorjal

# Il-kriżi, l-protesti u x-xellug

Id-dinja kapitalista tinsab fl-agħar kriżi finanzjarja mit-Tieni Gwerra ‘l hawn. Għaliex ix-xellug ma rnexxielux jilqa’ din l-opportunitá tad-deheb u jkisser sistema krudili li mponiet miżerja, għawġ u tbatija fuq il-maġġoranza tal-popli u ppremjat lill-ħallelin, lill-ispekulaturi u l-politiċi korrotti?

Il-popli qegħdin iqumu kontra din is-sistema, anzi kontra l-gvernijiet li huma qaddejja ta’ din is-sistema. Qegħdin naraw l-irvellijiet fil-Greċja, il-mijiet ta’ eluf miġbura fil-pjazez ta’ Spanja, l-istrajkijiet kbar fir-Renju Unit. Imma m’aħniex naraw il-partiti li jsejħu lilhom innifishom xellugin imexxu dawn il-protesti, m’aħniex narawhom l-avangwardja tal-ħaddiema.

It-tweġiba forsi tinsab fil-fatt li l-Partiti xellugin ta’ l-Ewropa, is-Soċjalisti u anke f’ċerti każi l-Komunisti, għaddew mit-trawma tal-waqa’ ta’ l-Unjoni Sovjetika. Bdew jemmnu l-gidba li l-kapitaliżmu ttrijonfa u li ma kienx fadal żmien għall-ideoloġija.

Rajna lil dawn il-partiti jbiddlu isimhom, qishom jistħu mill-imgħoddi glorjuż tagħhom, u jiġru lejn iċ-ċentru tad-dinja politika. Bdew iħaddnu l-politika neo liberali tas-suq ħieles u jwarrbu s-soċjaliżmu u s-solidarjetá.

Uħud minn dawn il-partiti rebħu l-elezzjonijiet u bdew imexxu. Mhux bħala xellugin imma bħala ċampjins tal-kapitaliżmu. Il-partiti u gvernijiet Konservattivi dejjem kienu qaddejja tas-sidien tal-kapital u l-ħidma tagħhom dejjem kienet favur il-klassi tal-flus.

Il-partiti u gvernijiet tax-xellug, meta “kkonvertu” għan-neo-liberaliżmu u s-suq ħieles, daħlu f’nasba u spiċċaw lsiera tal-klassi tal-flus. Meta faqqgħet il-kriżi finanzjarja fl-Ewropa kellna gvernijiet Konservattivi u tal-lemin, qaddejja tal-banek u s-sidien tal-kapital u kellna gvernijiet “taparsi xellugin, imma lsiera tal-banek”.

It-tnejn għażlu l-istess mediċina, mposta mill-IMF u l-banek. Il-piż tal-kriżi kellhom iġorruh il-popli b’pagi baxxa, xogħol prekarju, sensji, tnaqqis tal-pensjoni, żidiet fil-prezzijiet ta’ kollox, privatizzazzjoni u miżuri oħra t’awsteritá.

Mhux ta’ b’xejn li l-popli li qegħdin jiġġieldu dawn il-miżuri selvaġġi mhumiex jaraw il-partiti li ttradew ix-xellug bħala alleati tagħhom. Fost in-nies hemm il-Komunisti, Laburisti “qodma”, soċjalisti li baqgħu “soċjalisti” u li qegħdin jiksbu r-rispett u l-appoġġ tal-popli.

Il-folol enormi li kkampjaw fil-pjazza ewlenija ta’ Madrid u li bdew jissejħu “l-indinjati” wrew ċar li l-Partit Soċjalista fil-gvern mhux tagħhom u mhux magħhom.

L-istess il-ħaddiema fid-dimostrazzjonijiet kbar f’Ateni kontra l-gvern Soċjalista Grieg. Waqt li fil-Portugall il-poplu ta tkaxkira lis-Soċjalisti fl-elezzjoni ġenerali.

Fir-Renju Unit il-Partit Laburista huwa fl-oppożizzjoni. Il-protesti u l-istrajkijiet qegħdin ikunu organizzati mit-trejd unjins. Imma ħafna ħaddiema qegħdin jsostnu li jekk il-Partit Laburista ma jappoġġahomx, it-trejd unjins għandhom iwaqqfu l-flus kbar li jagħtu kull sena lil dan il-partit. U m’hemmx dubju li l-partit fuq dawk il-flus jiddependi.

Il-ħaddiema u l-popli jridu li l-partiti tax-xellug immorru lura għall-għeruq tagħhom, jaqtgħu il-ktajjen tal-jasar mill-banek, u jerġgħu isiru l-veri difensuri tal-ħaddiema, tal-pensjonanti, tal-batuti, tad-dgħajfa u l-emarġinati u ma jibqgħux qaddejja tas-sidien tal-kapital.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta’ attiviżmu minn perspettiva xellugija, b’emfażi fuq il-prinċipji ta’ l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta’ ekoloġika.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz PO Box 35 Sliema fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta’ l-Għaqda Żminijietna.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta’ l-Għaqda Żminijietna. Disinn: KoPri Koperattiva Ltd. Stampar: Union Print, Marsa.**

# Students paying the price for someone else’s blunders?

Erasmus programmes supports European cooperation in eight areas, from school to higher education, from new technologies to adult learners. The purpose of this higher education section of SOCRATES II (“ERASMUS”) continues and extends the European Community Action Scheme for the Mobility of University Students (the “ERASMUS programme”), established in 1987.

It is named after the philosopher, theologian and humanist Erasmus of Rotterdam (1465-1536). An adversary of dogmatic thought who worked tirelessly in all fields of human endeavor. Erasmus lived and worked in several parts of Europe, in quest of the knowledge, experience and insights which only such contacts with other countries could bring. By leaving his fortune to the University of Basel, he became a precursor of mobility grants. ERASMUS contains a wide range of measures designed

1. To support the European activities of higher education institutions
2. To promote the mobility and exchange of their teaching staff and students.

‘Last June students who planned to study abroad were informed that they were to receive a €300 grant per month…’ as reported in August, 2010: (http://www.timesofmalta.com/articles/view/20100813/local/erasmus-students-still-in-the-dark.322186)

Applications were submitted, but there is no guarantee that they will be processed and effected. Students who applied last year are still waiting for a satisfactory reply from any valid source they can. About 77 of them have opened a *face book group* called ‘Erasmus?’ in a hope to gather some information. From time to time some members of the group post some pieces they gather from various sources. Some of them are also meeting several organisations to be able to avail themselves of the programme, they so eagerly applied for. Following are some of the posts and comments I found in the facebook group, they gave me access to.

“The publication of the selection results and the green light on the continuation of the award procedure in 2011 will be possible only once the Commission decides to fully lift the programme suspension.. Last scholastic year (2009/2010), funds for EUPA, the national agency responsible for the administration of Erasmus were suspended by the European Commission on account of mismanagement. Since then, the ban has not been officially lifted, yet applications for Erasmus have still been issued.

Besides the fact that Malta has been blacklisted by many other countries and inevitably has developed a horrendous reputation, many deadlines of foreign universities have long expired and yet no information regarding this issue is being published.

This silence on behalf of all those representing the Maltese Erasmus programmeis unbearable! If the ban has not been officially lifted and the call for applications has nevertheless been issued, is some deceptive attempt to redeem their wrong doings? Whose responsibility is this mess? Please come forward and hold yourself accountable! It is due time students stop suffering the consequences of others and be granted what is rightly theirs!”

Last year the students did a petition and presented it to parliament, basically it explained to parliamentarians that they want their rights back, and that they expect more from them to solve the problem.

A student who went to Ireland on Erasmus programme last year, extended his support to the group and informed them that he is willing to help if they want to do it again - and he will do it with all his heart since his ‘Erasmus experience was beyond fantastic.’

But it’s not Erasmus applications and funds the only effected, there are many other programmes being effected, and few more people wading in the dark. Ms. Azzopardi from an NGO added, “It’s not only Erasmus. The funds suspension concerns many NGOs who are involved in Youth in Action Programmes. European Voluntary service is one of them.

The suspension was partially lifted for 1st April deadline applications, which meant that after one year of not submitting any applications, we could once again apply for YiA projects. All who submitted applications are still waiting for the complete lifting of the suspension, so that the result of the local selection of projects can be announced. Meanwhile there was another deadline, 1st June, and again more applications were submitted.”

EVS volunteers who are supposed to start working on Maltese projects, supposed to start in July are still in the dark. The situation is very frustrating.

It seems like the more people actively participate, the more the obligation will be felt by those responsible, to do something about it. Please get the message across, thank you.

**Nighat Urpani-** AD spokesperson -‘Social Development and Health’

*Ittra lill-Editur*

# Economic Independence

Every country should be economically independent. Some countries are lucky, they have raw materials. These countries, by selling their raw materials can assert a decent income. Other countries like Malta, who do not have raw materials, find it difficult to be economically independent.

What I suggest is that such countries would ask the countries of the United Nations to allow them to produce a particular commodity without outside competition. Thus for instance Malta could have its own factories producing certain types of medicine.

The standard and price of these medicines would be controlled by the United Nations and the international trade unions. If such a thing were to happen, the country in question would be able to provide all the social services and also the living wages to all the workers.

The same thing on a smaller scale could take place within the European Union. Let’s hope we shall soon be economically Independent on this matter.

**Josephine Gatt-Ciancio**
Kalkara

# “Nibża le, imma mhedded kontinwament”

***Din l-intervista minn l-għaqda Żminijietna setgħet is-seħħ bis-saħħa tal-Koperattiva Kummerċ Ġust. Jose Gabriel Ortiz Zelada kien il-mistieden ewlieni għal seminar organizzat mill-KKG, flimkien ma’ rappreżentanti oħra mir-Repubblika Ċeka, Ġermanja u l-Awstrija. Il-konferenza f’Malta trattat it-tema ta’ kampanja ‘I shop fair’, li trattat l-isfruttament dinji tal-ħaddiema. Jose Gabriel ta’ diversi taħdidiet biex iqajjem kuxjenza dwar il-kundizzjonijiet miżeri li jaħdmu fihom il-ħaddiema fi Gwatemala partikolarment fl-industrija tal-fjuri.***

Jose’ Gabriel Ortiz Zelada, hu Direttur ta’ organizazzjoni li taħdem favur id-drittijiet tal-ħaddiema fi Gwatemala. Fiha hemm jaħdmu ma’ 20 persuna. L-isem ta’ l-organizazzjoni hu “CEADEL”, Ċentru ta’ studji favur l-iżvilupp lokali, u taħdem fil-promozzjoni għad-difiża ta’ drittijiet tal-ħaddiema, tan-nisa u kontra ‘child labour’. Il-ħaddiema nisa u żagħżagħ huma fost l-aktar milquta minn kundizzjonijiet diżumani fl-industrija ta’ tessuti, fjuri, frott, ħaxix u servizzi domestiċi ġewwa l-Gwatemala.

L-organizazzjoni ġiet fondata fl-1998, u bdiet tiffunzjona fl-1999. Għandha uffiċċju ċentrali u żewġ uffiċini oħra minn fejn joperaw. L-ewwel bdew jaħdmu fuq riċerka biex jifhmu aktar ir-realtá tal-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Bdew jiżviluppaw *training capacity building processes* dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema, aktar parteċipazzjoni attiva min-nisa u s-soċjetá ngenerali u dwar *‘gender’*. L-Organizazzjoni toffri ukoll taħrig lin-nisa biex jieħdu ħsieb il-kura tagħhom, u bżonnijiet ta’ kull jum skond l-esiġenzi tagħhom.

Joffru ukoll pariri legali u jmexxu numru ta’ investigazzjonijiet dwar l-abbużi li jseħħu fuq il-ħaddiema. Ir-rapporti ta’ abbuż jiġu ppublikati fil-midja, gazzetti u f’kampanji mmexxija mill-movimenti soċjali ġewwa l-Amerika, minħabba li ħafna mill-prodotti huma esportati lejn dan il-pajjiż. Filwaqt li jqajmu kuxjenza, jkunu qed jeżerċitaw pressjoni fuq il-kumpaniji biex jagħtu kundizzjonijiet diċenti ta’ xogħol lill-ħaddiema tagħhom.

Kif spjegalna sew Jose minn meta bdew dawn il-kampanji nġiebu diversi riżultati pożittivi fejn ħafna mill-kumpaniji m’għadhomx jħaddmu t-tfal, saru jagħtu dritt tal-maternitá u diversi drittijiet soċjali oħra. Il-problema tibqa’ imma, li dawn l-istess kumpaniji mhux qed jagħtu d-dritt lill-ħaddiem jissieħeb f’Unjin. Spjegalna li l-paga minima hi biss ta’ 175euro fix-xahar, imma għall-kumpaniji dan jfisser wkoll il-massimu tal-paga. Diversi għaqdiet tal-Ħaddiema kellhom iżarmaw minħabba n-nuqqas ta’ flus u anka minħabba theddid kontinwu u qtil ta’ Trejdjunjonisti.

*Kemm hi kbira l-problema ta’ ‘child labour’ fi Gwatemala?*

Għandna mal-miljun tifel u tifla, ta’ l-etá bejn 8-14 il-sena, li jaħdmu fil-Gwatemala. Issibhom jaħdmu l-aktar fi *‘sugar cane fields’* u fil-produzzjoni tal-café, servizzi domestiċi u fl-industrija tal-metal mekkanika.

Preżentament qed ngħafsu biex l-użu ta’ tfal fid-dinja tax-xogħol jispiċċa darba għal dejjem, permezz ta’ kampanja edukattiva internazzjonali u anke lokali, billi nedukaw il-ġenituri biex ibiddlu l-mentalitá li tfal mhux suppost jaħdmu, u fl-istess ħin noffru klassijiet ta’ tagħlim lit-tfal.

Fuq livell internazzjonali qed naħdmu direttament mall-konsumatur u soċjetá ċivili ġewwa l-Amerika biex jħeġġu l-kumpaniji, li l-maġġor parti tal-prodotti mmanifatturati jinbiegħu fis-suq Amerikan, biex jwaqqfu t-tħaddim ta’ tfal.

Spjegalna li l-ġenituri huma stess iħaddmu tfal, għax jemmnu li tfal bi dritt għandhom jaħdmu bħala sens ta’ ringrazzjament lejn il-ġenituri, talli ġabuhom fid-dinja. Jemmnu wkoll li bniet m’għandhomx għalfejn li jistudjaw għax biex jistudjaw u mbagħad jiżżewġu, jkun kollu għalxejn.

*X’inhu l-livell tal-faqar fil-Gwatemala?*

Aktar minn 75% tal-popolazzjoni tgħix taħt il-linja tal-faqar. Għandna nuqqas kbir ta’ tagħlim fil-livell primarju u sekondarju. Għalkemm skond il-Kostituzzjoni, l-Edukazzjoni Primarja hi obbligatorja, ir-realtá hi li għandna nuqqas kbir ta’ skejjel pubbliċi u għalliema. Dana qed jimpedixxi milli l-edukazzjoni tkun disponibbli għal kullħadd. S’intendi din il-problema hi fattur politiku.

*Fil-preżent x’tip ta’ politika wieħed isib fil-Gwatemala?*

Il-Gwatemala fl-aħħar perjodu kienet immexxija minn gvernijiet tal-lemin, wieħed iktar neo liberali minn l-ieħor. Ix-xellug minn naħa l-oħra jbati minn nuqqas ta’ spazju biex jimraħ fil-politika. Preżentament teżisti qasma kbira fix-xellug.

Il-movimenti tal-lemin jikkontrollaw il-midja, u bil-propoganda qawwija li għandhom iġiegħlu n-nies jemmnu li l-politika xellugija hi xi ħaġa tal-passat. Il-maġġoranza tal-Partiti li għandna huma tal-lemin.

Kull persuna ‘l fuq minn 18 –il sena għandha d-dritt li tivvota, b’eċċezzjoni tal-pulizija u l-armata. Fl-elezzjoni jivvotaw anqas minn 50%. Jidher li nies qed titlef kull interess lejn il-klassi politika. Il-partiti huma nieqsa minn programm politiku ċar, huma aktar mhedijin fuq ir-retorika.

*Għandha nflwuenza il-Knisja fil-politika?*

Naħseb li iva. Fil-fatt għal elezzjoni f’Settembru li ġej, ex qassis ‘evanġelista’ ħiereġ bħala kandidat mal-lemin. Tajjeb ninnotaw ukoll li ħafna mill-votanti mhumiex appassjonati li jivvotaw, għax jemmnu li xejn mhu ser jinbidel. Il-pajjiż hu nieqes minn sens ta’ edukazzjoni li jrawwem in-nies biex jipparteċipaw aktar fil-politika.

*Huwa minnu li Trejdjunjonisti fil-Gwatemala jiffaċċjaw theddid?*

Eżatt! Anka jekk il-liġi titkellem favur ‘id-dritt ta’ assoċjazzjoni’ mill-ħaddiema, il-kumpaniji jaqbdu u jkeċċu lil dawk il-ħaddiema li jippruvaw jissieħbu jew jiffurmaw Unjin. L-ħaddiema jiġu ‘blacklisted’ u l-isem mxandar fuq diversi siti elettroniċi mill-kumpaniji stess. Il-ħaddiema milquta jsibuha diffiċli biex isibu xogħol, għax l-ebda kumpanija oħra ma tħaddimhom.



F’każijiet estremi l-kumpanija ixxolji u tkeċċi l-ħaddiema l-barra, u tiftaħ taħt isem ieħor.

Minħabba dawn l-abbużi, Gwatemala ġiet imwissija minn CAFTA, u hemm il-possibilita li l-pajjiż jeħel multa ta’ 50 miljun minħabba dawn il-vjolazzjonijiet ta’ drittijiet tal-ħaddiema.

*Imma kemm vera tista’ sseħħ, meta CAFTA stess tippromwovi s-suq mingħajr regoli?*

Iva, nemmen li l-pajjiż ser jiġi mmultat, għax l-abbużi huma ‘ovvji’. L-awtoritajiet Amerikani qed jippressaw biex il-Gvern ta’ Gwatemala jitressaq biex jiġi proċessat fuq dawn l-abbużi.

*Imma mhiex nġusta li n-nies jintalbu jħallsu għal dawn l-abbużi li qed isiru fuqhom mill-kumpaniji u għala mhux il-kumpaniji jħallsu?*

Hekk hu! Il-multa ser jħallas għaliha l-pajjiż, li finalment huma nies. Imma fl-istess ħin, jista’ jkun li minħabba f’hekk, il-Gvern jkollu jippressa l-kumpaniji biex jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema. Ħafna mill-kumpaniji rrapurtati huma mis-South Korea, ftit Amerikani u oħrajn b’sidien lokali. Jista’ jkun li permezz tal-multa jsir xi forma ta’ progress. 70% tal-kumpaniji fil-Gwatemala huma Sud Koreani.

***“In-Neoliberalizmu faqqar il-poplu tagħna u kisser is-saħħa ta’ l-Istat li jipproteġi l-ħaddiema u l-familji tagħhom. Il-kumpaniji ħadu kmand assolut ta’ dak li jrid isir. In-Neoliberalizmu mhux is-soluzzjoni għal prosperitá ta’ nies. Imma mhux biss mhux is-soluzzjoni, imma faqqar u seraq ir-riżorsi tal-popli”.***

*Huwa minnu li diversi mexxejja ta’ Trejdjunjins jinqatlu fil-Gwatemala?*

Iva! Il-problema li l-Gvern qed jibqa’ passiv biex jaqbad min huma l-ħatja. Żgur li l-Istat mhuwiex jipparteċipa f’dawn l-atti bl-użu ta’ paramilitari. Ir-rata ta’ qtil għadha għolja imma mhux daqs kemm kienet meta Gwatemala kienet għaddejja minn gwerra ċivili li ħadet 36 sena, bejn ir-ribelli marxisti (URNG) u l-Istat bl-appoġġ ta’ paramilitari.

Illum dawn il-gruppi ċedew l-armi, ingħaqdu u daħħlu fix-xena politika, bħala partit ta’ Xellug. Filfatt fl-elezzjoni f’Settembru li ġej il-Partit tax-Xellug b’mexxejja mara ser jikkontesta l-elezzjoni għat-tieni darba. Fl-aħħar elezzjoni ġenerali ġabu 3.2% u jidher li fl-elezzjoni li ġejja ma tantx ser jikbru. Il-problema hi li ma għandhomx politika ċara. Għalkemm għandna aktar minn 20 partit, il-maġġoranza huma tal-lemin.

*Kif inhi s-sistema Soċjali fil-Gwatemala?*

Illum, is-sistema tas-saħħa hi pubblika. Il-problema hi li l-poplu mhux intitolat għal mediċini b’xejn. Il-livell baxx ta’ l-għixien jagħmilha diffiċli biex in-nies jixtru l-mediċini. Edukazzjoni nazzjonali favur il-prevenzjoni ma teżistiex, allura mard jinfirex aktar. Is-sistema attwali mhiex tgħaqdi l-ħtiġijiet tan-nies.

L-istess il-qasam tad-djar hu wieħed prekarju. Għandna ma’ 800,000 persuna li jgħixu fi kmamar iffullati u oħrajn bla saqaf fuq rashom. Il-popolazzjoni tlaħħaq 14-il miljun. Il-familji għandhom bejn wieħed u ieħor 8/10 t’itfal kull familja.

F’dan l-aħħar snin, nistgħu ngħidu li l-klassi medja sparixxiet għal kollox. 75% tal-popolazzjoni tgħix f’riskju tal-faqar u ħafna minnhom jgħixu faqar estrem. L-illitteriżmu jlaħħaq 34%. Imma nemmnu li l-figuri huma ferm aktar għolja.

*X’tgħidilna rigward il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema fil-Gwatemala?*

21% tal-popolazzjoni attiva jaħdmu f’xogħol formali, pubbliku u privat, b’kundizzjonijiet diċenti tax-xogħol. Il-bqija tal-ħaddiema jaħdmu f’xogħlijiet prekarji.

Il-pajjiż hu nieqes f’dak li hu investiment fil-kapital uman sabiex nattiraw investiment barrani ta’ kwalitá, minħabba l-problema ta’ livell baxx tal-edukazzjoni. Allura qed nattiraw biss kumpaniji li jħaddmu b’kundizzjonijiet

**(Ikompli f’paġna 5)**

# Nibża’ le, imma mhedded kontinwament

***(jaqbad minn paġna 4)***

miżeri, nsejħulhom ‘sweatshops’. Kumpaniji li fl-aħħar mill-aħħar faċli li jitrasferixxu x-xogħol f’pajjiż ieħor. Ħafna minn dawn il-kumpaniji jiffinanzjaw il-partiti tal-lemin.

*Kemm huma l-ħaddiema msieħba fi Trejdjunjins, u teżisti xi kampanja favur dan?*

Data uffiċjali ma teżistiex, imma numru huwa baxx. Fl-industrija tal-fjuri u ħafna kumpaniji oħra l-ħaddiema ma jitħallewx jissieħbu. Jekk isir hekk il-kumpaniji jagħlqu l-bibien u jittrasferixxu x-xogħol f’pajjiż ieħor. Il-problema hi li qed tinbet ċertu apatija fost il-ħaddiema biex jingħaqdu.

Le! Kampanja fuq bażi nazzjonali ma teżistiex fil-konkret imma qed isir ħafna xogħol mit-trejdjunjins u soċjetá ċivili biex nedukaw il-ħaddiema biex jorganizzaw u jimmobilizzaw ruħhom. Tajjeb ngħidu li hemm kumpaniji li jirrispettaw id-drittijiet tal-ħaddiema, u naħseb li għalhekk il-ħaddiema f’dawn il-kumpaniji ma jkunux iridu jissieħbu f’Unjin.

Imma huwa minnu li hemm biża’ fost il-ħaddiema li jitilfu l-impjieg. Jekk jippruvaw jingħaqdu jfisser ‘passaport dirett’ għal barra. Fuq livell internazzjonali qed nsibu appoġġ minn organizazzjonijiet oħra ta’ Trejdjunjins barranin.

*Taħdem is-sistema tal-Koperattivi fil-Gwatemala?*

Jeżistu koperattivi, l-aktar fis-settur bankarju u ta’ kreditu, li minnhom jibbenefikaw il-bdiewa u l-intrapriżi żgħar, kif ukoll l-ħaddiema li jaħdmu fis-servizz pubbliku. Dawn il-koperattivi joffru interessi aktar baxxi mill-banek privati u self bl-imgħax baxx. Għandna ukoll diversi koperattivi agrikoli.

*Taħseb li Gwatemala ser taqbad it-triq ta’ pajjiżi oħra fl-Amerika Latina, lejn ix-Xellug?*

Fil-preżent le. Imma naqbel ma’ dak li qed iseħħ fil-pajjiżi l’oħra ta’ l-Amerika Latina. Fil-Gwatemala qed kullma jmur jissaħħaħ il-moviment indiġenu. Il-parteċipazjoni tan-nisa qed tiżdied ukoll, u soċjetá ċivili qed tqum għal ġustizzja soċjali. Din tkun ħaġa kolossali, imma sa llum id-diviżjoni fix-xellug għadha kbira.

*X’inhu l-ħsieb tiegħek għal futur u l-politika neo liberali?*

Il-Ħsieb tiegħi għall-futur hu li nqajjmu aktar il-kuxjenza u l-kultura fost il-ħaddiema dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, sabiex jkollna soċjetá aktar ġusta. Ser nkomplu norganizzaw protesti, u nieħdu sehem f’dimostrazzjonijiet sabiex nheġġu l-Gvern jerfa’ responsabiltá biex jdaħħal aktar miżuri legali favur il-ħaddiema. Kif ukoll ngħafsu favur is-saħħa u s-sigurtá u favur livell ta’ ħajja diċenti għall-poplu ta’ Gwatemala.

Nawgura li l-Maltin jkunu aktar konxji meta jġu biex jixtru prodotti u jsaqsu aktar dwar il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema. Huwa tajjeb li f’Malta qed titqajjem din il-kuxjenza, u li l-ħaddiema f’Malta qed jaħdmu biex jtejbu l-kundizzjonijiet tagħhom.

# Tgħid se jħallas il-poplu għall-iskart tas-settur privat?

**minn David Pisani**

Ricenti giet diskussa id-Direttiva dwar ir-regulamentazzjoni ta’ l-iskart fl-EU fejn ħareg ċar li tkabbir ekonomiku fl-UE hu akkumpanjat minn ammonti dejjem jiżdied ta’ skart, li qed jikkawżaw telf bla bżonn ta’ materjali u enerġija, danni ambjentali u effetti negattivi fuq is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja.

Bil-ħsieb li titkisser din ir-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-ġenerazzjoni ta’ l-iskart, l-Unjoni Ewropea stabbilit qafas legali għall-immaniġġar ta’ l-iskart madwar l-UE bid-Direttiva 2008/98/KE, b’enfasi l-aktar għal rikupru tal-prodott u riċiklaġġ.

Id-direttiva ntroduċiet ħames linji ta’ gwida f’dawk li huma għażliet għal immaniġġar ta’ l-iskart, li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri meta jiġu biex jfasslu l-politika nazzjonali għal immaniġġar ta’ l-iskart. Il-prevenzjoni ta’ skart huwa l-aħjar għażla, segwit mill-użu mill-ġdid, riċiklar u forom oħra ta’ rkupru, bil-‘landfills’ ikun l-aħħar soluzzjoni.

L-istati membri huma obbligati wkoll li jiżviluppaw programm nazzjonali ta’ prevenzjoni, ta' kif il-pajjiż jista’ jilħaq dawn il-miri sa l-2020, fejn l-istati membri jridu jirriċiklaw 50% ta’ l-iskart domestiku u skart simili *(li jikkonsisti f’karti, metall, plastik u ħġieġ)* u 70% ta’ l-iskart mill-kostruzzjoni.

Fil-laqgħa ħarġu numru ta’ osservazzjonijiet fosthom li d-definizzjoni ta’ *‘re-use’* hija iktar stretta meta kkomparata ma’ *‘recycle’*. Ir-raguni li ngħatat mill-kelliema hi, li sa llum hija ferm aktar diffiċli biex tinġabar statistika fuq bażi nazzjonali ta’ dak li hu *‘re-use’*. Il-fatt hu li ħafna minn nies jagħmlu użu mill-ġdid ta’ l-hekk imsejjaħ ‘skart’ huma stess fid-dar tagħhom. Eżempju huwa kif ċerti kontenituri tal-ħadid (bottijiet) jintużaw bħala kontenituri għal xtieli.

F’dak li hu *industrial waste*, din id-direttiva ma tapplikax, filwaqt għal dak li hu *ippakkjar* teżisti direttiva speċifikament għal dan il-għan. Imma joħroġ biċ-ċar li s-settur kummerċjali, li fuq livell Ewropew jgawdi minn ‘sostenn u appoġġ’ qawwi, għal darb’oħra ser jkun eżentat milli jerfa’ responsabiltá tiegħu, biex jiġbor lura parti minn l-ammont kbir ta’ dak l-iskart li qed jiġġenera fis-suq l-istess settur.

L-ammont kbir ta’ flixken ta’ plastik li jidhru fit-toroq Maltin ta’ kuljum huwa turija ta’ nuqqas ta’ rieda politika għal dik li hi responsabiltá ugwali.

Għandhom il-ħwienet kummerċjali jerfgħu responsabiltá u jkollhom depożiti apposta biex ammont kbir ta’ l-iskart (ez bottijiet u flixken) jinġabru lura, bħalma jiġri fil-każ tal-flixken tal-ħġieġ?

Tajjeb nkunu nafu fejn waslu d-diskussjonijiet bejn il-Gvern u GRTU fuq din il-materja.

Jidher li bil-‘*waste framework directive’* u l-pjan nazzjonali 2020 għall-immaniġġar ta’ l-iskart, ir-responsabiltá ser tintefa’ kollha kemm hi fuq il-familji Maltin, bl-ispejjeż li jġib magħha s-sistema ta’ riċiklaġġ fid-djar, f’dak li hu użu tal-ilma għall-ħasil u x-xiri ta’ boroz għar-riċiklaġġ.

Biex nagħlaq forsi tajjeb jekk il-Gvern jibda jissuplixxi hu *tramite* il-Kunsilli Lokali, il-boroż tar-riċiklaġġ. Forsi jkun tajjeb wkoll li tiddaħħal kultura ġdida fejn il-konsumatur jitħallas lura ta’ reċipjent vojt, bħalma jsir fil-każ tal-ħġieġ, b’hekk tkun qed tinċentiva aktar il-kultura favur ir-riċiklaġġ u fl-istess ħin tkun qed titfa’ aktar responsabiltá fuq dawk li qed jiġġeneraw l-iskart.

Jekk ma jsirux it-tibdiliet neċessarji fejn kullħadd jiġbed l-istess ħabel, is-sistema ser tkun falliment. Id-direzzjoni tal-Gvern finalment tidher li hi li l-konsumatur jkollu jagħmel tajjeb hu għall-immaniġġar ta’ l-iskart.

# Fejn sejra l-Knisja?

**Jikteb Evarist Bartolo MP**

Bħalma ġara f’pajjiżi oħra b’ħafna Kattoliċi ġo fihom bħall-Italja, l-Irlanda u ċ-Ċili fejn daħal id-dritt ċivili tad-divorzju, f’Malta dan id-dritt daħal ukoll bis-saħħa tal-voti tal-maġġoranza tal-Kattoliċi. Naf ħafna Kattoliċi li vvutaw iva waqt li għandhom żwieġ b’saħħtu u qatt mhu se jużaw id-dritt tad-divorzju. Naf ħafna Kattoliċi li vvutaw iva u jemmnu li ż-żwieġ Kattoliku tagħhom huwa għal dejjem u qatt mhu se jaslu biex jużaw id-divorzju huma stess, imma ma jridux iċaħħduh lil dawk li għandhom bżonnu u lesti jużawh.

Dawn mhumiex Kattoliċi *‘a la carte’* jew Kattoliċi *inferjuri* għall-oħrajn. F’pajjiżi oħra wara referendum bħal tagħna l-Knisja Kattolika għamlet eżami kbir u serju tal-kuxjenza, minflok ingħalqet fiha nnifisha biex tkeċċi lil dawk li vvutaw iva.

Nawgura li jiġri l-istess f’pajjiżna. Nemmen f’soċjeta` demokratika u stat liberali fejn hemm separazzjoni bejn Knisja u Stat, u li l-ebda knisja ma tgawdi privileġġi legali, ekonomiċi u politiċi. Nemmen li d-drittijiet ta’ kull knisja għandhom ikunu garantiti. Nemmen ukoll li għandna bżonn f’pajjiżna Knisja Kattolika ġenwina u ħajja li twassal tassew l-aħbar it-tajba ta’ Kristu.

Fil-vanġeli ta’ Mattew, Mark u Luqa naqraw kif fid-deżert wara sawma ta’ 40 jum Kristu kellu tliet tentazzjonijiet quddiemu: sfida biex jibdel il-ġebel f’ħobż, biex jaqbeż minn fuq it-tempju u jsalvawh l-anġli u biex iqim lix-xitan, u bħala premju jingħata s-saltniet kollha tad-dinja u l-ġid tagħhom.

Kristu huwa Kristu għax għeleb dawn it-tliet tentazzjonijiet. Ried li min jimxi warajh u jemmen fil-valuri tiegħu, jagħmel dan b’mod ħieles u mhux għax jixtrieħ. Ried li l-valuri tiegħu jinxterdu wkoll u jiġu aċċettati b’mod ħieles u mhux imposti bix-xabla tal-poter. Ried li l-valuri tiegħu ma jkunux marbuta mal-poter ekonomiku u s-saħħa tal-flus. Għalhekk għeleb it-tliet tentazzjonijiet li kellu quddiemu qabel beda l-ħajja pubblika tiegħu.

Jolqtuni ħafna r-riflessjonijiet li jagħmel Ivan Dostoevsky fir-rumanz ‘L-aħwa Karamazov’ dwar dawn it-tentazzjonijiet. Ivan jgħidilna dwar il-poeżija li kiteb li fiha fis-seklu 16 Kristu jżur Sivilja fi Spanja l-għada li l-Kardinal Inkwiżitur għadu kemm ħaraq “għall-glorja ta’ Alla” 100 persuna eretika”. Kristu jimxi fit-toroq sieket u kulħadd jagħrfu mill-qawwa li ħierġa minnu. Malli jkompli fejn ħalla bl-imħabba tiegħu għall-proxxmu meta kien fid-dinja, il-Kardinal Inkwiżitur jordna lis-suldati tiegħu biex jarrestawh u jitfgħuh il-ħabs.

Il-Kardinal Inkwiżitur imur iżur lil Kristu fiċ-ċella u jgħidlu: Xid-dinja ġejt tagħmel lura fid-dinja? Se tħarbtilna dak kollu li bnejna fl-aħħar sekli; Knisja b’saħħitha miżżewġa ma’ imperi li qed jinfirxu fuq wiċċ id-dinja bis-salib f’id waħda u bix-xabla f’id l-oħra.
Il-Kardinal Inkwiżitur jgħid lil Kristu “kif fit-tliet tentazzjonijiet li għelibt fid-deżert wrejt li trid twemmin u mġieba fil-ħajja mibnijin fuq il-liberta` u mhux fuq il-mirakli, il-misteri u l-awtorità, u n-nies jippreferu dawn, minn dak li trid int <Kristu>.

Irrabjat, il-Kardinal Inkwiżitur jgħid lil Kristu: “Nista’ naqbad u nordna li tinħaraq bħala eretiku. Mur lura mnejn ġejt u tiġix lura iżjed f’din id-dinja, qatt, qatt u qatt u ħalli l-Knisja f’idejna.” Jiftaħlu l-bieb taċ-ċella u Kristu joħrog barra sieket u jimxi fit-toroq mudlama u battala tal-belt ta’ Sivilja bir-riħa tal-laħam mixwi tal-iġsma ta’ mijiet ta’ eretiċi li l-Kardinal Inkwiżitur ħaraq f’isem Kristu u għall-glorja ta’ Alla.

Kristu għeleb it-tliet tentazzjonijiet fid-deżert, izda matul is-sekli li għaddew u llum, il-Knisja Kattolika x’tagħmel meta jkollha quddiemha dawn it-tliet tentazzjonijiet - tad-dominju, tal-flus u tal-privileġġi?

Kristu ma riedx il-valuri tiegħu jinxterdu minn imperi u gvernijiet b’allejanza politika-reliġjuża fejn il-Knisja Kattolika tingħata privileġġi legali, politiċi u finanzjarji li jsaħħu d-dominju tal-Knisja, iżda jcaħħduha mil-libertá u mill-kapaċitá profetika tagħha. Kristu jgħid: “Ma tistax isservi lill-Alla u l-flus f’salt.”

L-għażla ta’ Kristu hija favur il-foqra, favur l-imweġġgħin u l-imwarrbin, favur il-libertá u l-ġustizzja. Il-valuri tiegħu jridhom jinxterdu bħall-ħmira, bħall-melħ, bħal żerriegħa żgħira u mhux permezz tal-flus, tal-biża’, tat-theddid u tal-privileġġi mogħtija bħala frott tal-adulterju bejn il-Knisja u l-poter politiku.

# 700 każ ta' vjolenza domestika f'sena

***Intervista ma' Roberta Leprè ta' 'Victim Support Malta' minn Michael Grech***

*Fost il-kwistjonijet li l-organizazzjoni tiegħek spiss itrattat hemm dik tal-vjolenza. Taħseb li dawn il-kwistjoniet tal-vjolenza fiżika hi marbuta ma' kultura vjolenti; mhux bil-fors f'sens fiżiku? Donnu hawn kultura, fis-sens wiesgħa tal-kelma, fejn biex wieħed jafferma lilu nnifsu, irid donnu bilfors jirfes fuq dawk ta' taħtu?*

Iva. Naħseb li hu minnu li hawn din il-kultura, u tidher f'bosta Istituzzjonijiet, lantijiet tax-xogħol u mkejjen oħra. Donnu biex wieħed jafferma ruħu irid bil-fors jirfes fuq xi ħadd.

Madankollu, jien norbot din il-kultura wkoll mad-diskrepanza fis-soċjetà bejn il-poter li għandhom in-nisa u l-irġiel. Li din il-ħaġa teżisti hu fatt ovvju, minkejja li xi wħud jiċħdu dan. Hemm numru ta' statistiċi f'diversi oqsma li jikkonfermaw dan il-fatt. Donnu allura, teżisti xi ħaġa li ma tħallix lin-nisa jkollhom l-istess setgħa ta' deċiżjoni daqs l-irġiel, kemm f'istituzzjonijiet pubbliċi, imma anke f'dawk aktar intimi bħal familja u relazzjoni. Donnu għadha teżisti l-idea lir-raġel (jew aħjar raġel li wkoll għandu ċerti karateristiċi sterjotipati bħal li jkun dominanti, assertiv, eċċ) għandu jkollu setgħa ta' deċiżjoni aktar mis-sħab jew il-kollegi tiegħu.

*X'inhu skond int dak li jżomm biex din il-kultura ta' diskrepanza kontra n-nisa tibqa' kif inhi?*

Illum, fit-teorija u b'mod legali tassew jeżistu opportunitajiet indaqs. Madankollu, fir-realtà għadu diffiċli għan-nisa li jkollhom aċċess veru jew ugwali daqs l-irġiel għal dawn l-opportunitajiet. Donnu qisu għandek tellieqa bejn tnejn, fejn madankollu tellieq minnhom ser jiġri għall-wità u l-ieħor għat-telgħa. Id-distanzi jistgħu jkunu l-istess. Madankollu dan ma jagħmilx it-tellieqa ġusta. L-istess jista' jingħad fil-każ tar-raġel u l-mara. Fost l-ostakli li wieħed isib hemm dawk li nsibu fid-dinja tax-xogħol.

Dawn jidhru ħafna, ngħidu aħna, meta mara jkollha l-ewwel tarbija. Tibda tinduna kemm hu diffiċli tkun omm u ħaddiema fl-istess ħin, minħabba l-mod li bih ikun imqassam ċertu xogħol, li ma tkunx tista' toqgħod fuq ix-xogħol tagħha aktar mill-ħin waqt li ħaddieħor jista', għax tkun trid tmur tieħu ħsieb binha jew bintha (għax fil-kultura tagħna, donnu għad hemm l-idea li l-omm għandu jkollha s-sehem ewlieni fit-trobbija, anke meta hi tkun taħdem), u allura tibda tidher kerha, u affarijiet oħra bħal dawn.

Anke jekk wieħed iħares lejn l-ogħla istituzzjoni f'pajjiżna, il-parlament; dan normalment jiltaqa' fis-sitta ta' fil-għaxija, ħin li fih, nisa li jkollhom responsabiltà ta' familja (ħaġa oħra li s-soċjetà tagħna tippretendi min-nisa aktar milli mill-irġiel) ma jistawx jipparteċipaw.

*Taħseb li problema oħra f'dan kollu hi n-nuqqas ta' moviment militanti tan-nisa?*

Personalment, jien ma tantx togħġobni l-kelma 'moviment tan-nisa'. Nippreferi 'Moviment favur l-ugwaljanza'. Issa Malta dan il-moviment huwa attiv, madankollu mhux b'mod militanti. Ma joħroġx fit-toroq u jagħmel stqarrijiet qawwijin u jipprotesta. Jista' jkun



li iva, dan in-nuqqas ma jaċċellerax il-proċess. Biss min-naħa l-oħra, s-sħubija fl-Unjoni Ewropea xprunat 'minn fuq' bosta aspetti ta' din il-kwistjoni. Kieku probabbli, ċerti ħwejjeġ u miżuri kienu jieħdu aktar żmien.

*U l-iskejjel qed jiġġieldu b'mod effettiv din il-mentalità?*

Naf li saru xi proġetti mill-kummissjoni għall-ugwaljanza u naħseb li n-numru ta' għalliema konxji dwar din il-kultura, hu aktar mill-passat dwar sterjotipi. Anke għaliex, fil-kors tal-għalliema fl-università hemm korsijiet li jitrattaw temi bħal dawn. Għalhekk, mhux bilfors fil-klassi ser ikun hemm, bħalma kien hemm b'mod tista' tgħid ġenerali fil-passat; mudelli ta' nisa passivi, isajjru d-dar u jagħmlu xogħol, waqt li l-irġiel dominanti u assertivi, jagħmlu xogħlijiet bħal pulizija, politiċi u rwoli oħra bħal dawn.

Semmejt it-titjib. Biss, bħal kull bniedem l-għalliem ser ikollu l-preġudizzji tiegħu u jibnihom tul is-snin, u bħal kull bniedem ieħor hu diffiċli li 1) ikun konxju tagħhom 2) jegħlibhom. Biss hemm ukoll tradizzjoni fl-istituzzjonijiet edukattivi li hi kontra dan kollu, u din għadha ma mietitx għal kollox. Għad hemm għalhekk fejn isir ħafna titjib.

*Rigward fenomeni bħall-vjolenza domestika, taħseb li dawn huma marbuta ma' fatturi bħal żieda fil-faqar u n-nuqqas ta' sigurtá fuq il-post tax-xogħol? U taħseb li hemm rabta bejn din il-vjolenza u l-klassi soċjali?*

Nibdew milll-ewwel parti tal-mistqosija. Ikun żball li tgħid li dawn il-fatturi; faqar, xogħol prekarju, u ħwejjeġ bħal dawn jikkaġunaw il-vjolenza domestika, u allura jekk neliminaw lil dawn ser neliminaw lil din. Dan ikun żball. Madankollu, hu fatt li dawn il-fatturi jaggravawha, bħalma jagħmlu fatturi oħra bħall-istress, abbuż mill-alkoħol, logħob tal-ażżard, u oħrajn. Huma fatturi li kollha jistgħu jwasslu biex il-vjolenza tiġri aktar spiss, u tkun aktar aggressiva.

L-istess dwar ir-rabta bejn il-vjolenza u l-klassi soċjali. Hemm fatturi li jistgħu ifixklu aktar lill-vittma, l-aktar jekk hi mara, milli toħroġ mill-problema; fatturi bħal nuqqas t'edukazzjoni, nuqqas ta' xogħol, ta' ħiliet soċjali, li kollha jistgħu inaqqsu l-fiduċja ta' vittma li tista' u tipprova toħroġ mill-problema.

Issa anke jekk vittmi li ġejjin minn klassijiet soċjali aktar għolja; jista' jkollhom edukazzjoni formali aħjar u xogħol aktar stabbli li kif semmejt jgħinuhom ifittxu d-drittijiet tagħhom, imma hemm fatturi oħra li spiss jaħdmu kontrihom, u li jżommuhom lura milli jfittxu għajnuna. Mill-esperjenza, spiss nara li dawk li ġejjin mill-klassijiet tan-nofs jew għolja jkollhom speċi ta' stigma, donnu tabù, li jxekkilhom milli jfittxu għajnuna. B'hekk il-problemi tagħhom jibqgħu aktar moħbija.

*Rigward il-vittmi tal-kriminalitá taħseb li jsir wisq emfasi fuq il-kastig tal-kriminali, milli fuq is-servizzi biex il-vittma tikseb mill-ġdid is-sigurtà psikoloġika u mhux li tkun 'tilfet'?*

Uffiċjalment, bħal issa hemm emfasi fuq 'ġustizzja riparatriċi; jiġifieri mod ta' kif issir ġustizzja li tiffoka fuq li tiġi rranġata l-ħsara u l-inġustizzja, aktar milli fuq 'ġustizzja retributtiva' li aktar tfittex li tpattiha lil dak li jkun żbalja. Din il-ġustizzja riparatriċi għandu jkollha żewġ aspetti; wieħed marbut ma' min għamel ir-reat, biex dan jew din jirriforma jew jirranġa ruħu/ha u b'hekk possibilment ma jagħmilx reat ieħor meta joħroġ jew toħroġ barra.

Hemm ukoll l-aspett tal-vittma. Ġa rajna, fis-snin li għaddew, bidla biex il-vittma tista' tkun parti mill-proċeduri. Madankollu, dan mhux biżżejjed. Hemm bżonn titjib fil-mod li bih nilqgħu l-vittmi fl-għasses tal-pulizija u f'imkejjen oħra fejn dawn ifittxu kenn. Hemm bżonn titjib fil-mod li bih nisimgħu lill-vittmi. Hemm bżonn titjib fil-qrati; dewmien, każijiet fejn il-vittma titla' biex tixhed u l-offensur ma jitlax u b'hekk taħli ġurnata, u affarijiet bħal dawn.

L-istruttura legali qed tħares lejn il-vittma u qed issibilha post. Bħalma għidt, qabel din lanqas biss kienet parti mill-proċess, waqt li llum għanda sehem sħiħ. Anke l-liġi riċenti tal-*'parole'*, tagħti każ il-vittma. F'din tajjeb insemmu li kien hemm konsultazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet ma' NGO's bħal tagħna.

Madankollu, fuq livell aktar prattiku jeħtieġ aktar xogħol biex dawn l-ideali tassew jitwettqu.

*Fi programm reċenti fuq it-televiżjoni Taljan, smajt li ħafna abbużi u vittimizazzjoni jseħħu fil-kuntest tal-familja. F'pajjiżna, min-naħa l-oħra din l-istituzzjoni tiġi spiss idealizzata, bħallikieku hi xi ħaġa totalment pożittiva. Taħseb li għandna mmorru li 'l hinn minn din l-idealizazzjoni?*

Dan hu veru li ħafna abbużi jseħħu fil-kuntest tal-familja. Hemm ukoll riċerka li turi dan; riċerka li llum hi ħafna aktar aġġornata minn dik li kien hemm fil-passat (u li kienet tinkludi biss każi rapportati lill-pulizija jew lil aġenziji bħal Appoġġ). Biex nifhmu sew x'jimplika dan, is-sena l-oħra ġew imressqa 700 każ ta' vjolenza domestika. Madankollu, studju tal-*Commission on Domestic Violence* juri li aktar minn waħda minn kull erbgħa nisa f'Malta xi darba sfat vittma ta' vjolenza domestika, kemm fiżika jew anke mhux fiżika. Dawn għalhekk, jekk issarrafhom f'numri jiġu ħafna aktar min-numri ta' każi mressqa l-qorti.

Dan għalhekk jikkonferma kemm hemm vjolenza fil-kuntest tal-famlija. U tajjeb ngħid li r-rapport jitratta l-vjolenza fuq in-nisa biss. Hemm ukoll vjolenza fuq it-tfal; li dwarha ma teżistix riċerka xjentifika, kif ukoll vjolenza fuq l-anzjani, li ħafna spiss nassumu li lanqas biss teżisti. Hawnhekk teżisti riċerka li wkoll turi li ħafna mill-abbuż fuq l-anzjani isir fil-kuntest ta' famlija.

Għandna immorru li 'l hinn mill-idealizazzjoni, anke jekk importanti ma ninsewx il-ħafna aspetti pożittivi li din l-istituzzjoni ġeneralment toffri. It-tajjeb ma jitħassarx mill-ħażin, u importanti li dan it-tajjeb jibqa' jidher. Però importanti wkoll li ċerti affarijiet li qabel kienu tabù; bħall-abbuż fuq it-tfal fil-familja ngħarfu li jeżistu, u mhux nippretendu li ma jeżistux, jew anke jekk nafu li jeżistu ma nsemmuhomx.

Anke għaliex jekk ma nagħmlu xejn il-problema ser tibqa', ser tiggrava ruħa u ser terġa isseħħ il-quddiem, meta l-*'ġenerazzjoni vittma'* issir adulta hi. Ġeneralment, jekk ma jsir xejn, meta l-vittma jsir jew issir adult/a vittma j/tispiċċa jew tibqa' vittma hi jew issir hi aggressur. Irridu nkissru dan iċ-ċiklu.

Għalhekk dwar il-famlija, jidhirli li la għandna nideallizzaw u lanqas niddemonizzaw. Għandna nkunu aktar realistiċi.

*Min hu intressat jikkuntatja lil Victim Support Malta jista' jagħmel dan fuq 21228333 jew fuq co-ordinator@victimssupportmalta.org*

# A Global Food Crisis is Emerging

***Sammy Camilleri,***
*Ontario Canada.*

The price of wheat is setting an all time high in the United Kingdom. Food riots are spreading across Algeria. Russia is importing grain to sustain its cattle herds until spring grazing begins. India is wrestling with an 18% annual food inflation rate, sparking protests. China is looking abroad for potentially massive quantities of wheat and corn. The Mexican government is buying corn futures to avoid unmanageable tortilla price rises.

But whereas in years past, it's been weather that has caused a spike in commodities prices, now it's trends on both sides of the food supply/demand equation that are driving up prices. On the demand side, the culprits are population growth, rising affluence, and the use of grain to fuel cars.

On the supply side the problems are from: soil erosion, aquifer depletion, the loss of cropland to nonfarm uses, the diversion of irrigation water to cities, *the plateaking* of crop yields in agriculturally advanced countries, and due to climate change, crop withering heat waves, melting glaciers and ice sheets. This climate related trends seem destined to take a far greater toll in the future.

Today there will be 219,000 additional mouths to feed at the dinner table, and many of them will be greeted with empty plates. Another 219,000 will join us tomorrow. At some point, this relentless growth begins to tax both the skills of farmers and the limits of the earth's land and water resources.

Beyond population growth, there are now some 3 billions people moving up the food chain, eating greater quantities of grain intensive livestock and poultry products. The rise in meat, milk, and egg consumption in fast growing developing countries has no precedent. Total meat consumption in China today is already nearly double, that in the United States.

The third major source of demand growth is the use of crops to produce fuel for cars. In the US, which harvested 416 millions tons of grain in 2009, 119 million tons went to ethanol distillers to produce fuel for cars. That's enough to feed 350 million people for a year. The massive U.S investment in ethanol distillers sets the stage for direct competition between cars and people for the world grain harvest. This demand for oil bearing crops is not only reducing land available to produce food crops in Europe, it is also driving the clearing of rainforests in Indonesia and Malaysia palm oil plantations. The combined effect of these three growing demands is stunning: a doubling in the annual growth in world grain consumption from an average of 21 million tons per year in 1990-2005 to 41 million tons per year in 2005-2010.

Most of the huge jump is attributable to the orgy of investment in ethanol distillers in the US in 2006-2008. While the annual demand growth for grain was doubling, new constraints were emerging on the supply side, even as longstanding ones, such as soil erosion intensified.

An estimated one third of the world's cropland is losing top soil faster than new soil is forming through natural processes and thus is losing its inherent productivity. Two huge dust bowls are forming, one across northwest China, western Mongolia, and central Asia, the other in central Africa. Each of these dwarfs the US dust bowl of the 1930's. Satellite images show a steady flow of dust storms leaving regions each one typically carrying millions of tons of precious top soil.

Meanwhile aquifer depletion is fast shrinking the amount of irrigated area in many parts of the world. This relatively recent phenomenon is driven by the large scale use of mechanical pumps to exploit underground water. Today, half the world's people live in countries where water tables are falling as over pumping depletes aquifers. Once an aquifer is depleted, pumping is necessarily reduced to the rate of recharge unless it's a fossil (non replenish able) aquifer, in which case pumping ends altogether.

But sooner or later, falling water tables translate into rising prices. From 2007 to 2010, Saudi wheat production fell by more than two thirds. By 2012, wheat production will likely end entirely, leaving the country totally dependent on imported grain.

The Arab Middle East is the first geographic region where spreading water shortages are shrinking the grain harvest. But the really big water deficits are in India, where the world's bank numbers indicate that 175million people are being fed with grain that is produced by over pumping.

In China, over pumping provides food for some 130 million people. In the United States, the World's other leading grain producer; irrigated area is shrinking in key agricultural states such as California and Texas. A similar situation is emerging with wheat yields in Europe.

In France, Germany and England, wheat yields are no longer rising. These three countries together, account for roughly one-eight of the world's wheat harvest. Suburban sprawl, industrial construction, and paving of lands for roads, highways, and parking lots are claiming cropland in the central valley of California, the Nile river basin in Egypt, and in densely populated countries that are rapidly industrialising, such as China and India. In 2011, new car sales in China are projected to reach 20 million, a record for a country.

The rule of thumb is that for every 5 million cars added to a country's fleet, roughly 1 million acres must be paved to accommodate them, and cropland is often the loser.

Fast growing cities are also competing with farmers for irrigation water. In areas where all water is being spoken for, such as most countries in the Middle East, Northern China, the South Western United States, and most of India, diverting water to cities means less irrigation water available for food production.

The rising temperature is also making it more difficult to expand the world grain harvest fast enough to keep up with the record pace of demand.

Crop ecologists have their own rule of thumb; for each 1 degree Celsius rise in temperature above the optimum during the growing season, we can expect a 10% decline in grain yields. Another emerging trend that threatens food security is the melting of the mountain glaciers. This is of particular concern in the Himalayas and on the Tibetan Plateau, where the ice melt from glaciers helps sustain not only the major rivers of Asia during the dry season, such as the Indus, Ganges, Mekong, Yangtze, and Yellow Rivers, but also the irrigation systems dependent on these rivers.

Without the ice melt, the grain harvest would drop precipitously and prices would rise accordingly. The current surge in world grain and soybean prices, and in food prices more broadly, is not a temporarily phenomenon. We can no longer expect that things will soon return to normal, because in a world with a rapidly changing climate system, there is no norm to return to.

The unrest of these past few months is just the beginning. It is no longer conflict between heavily armed superpowers, but rather spreading food shortages and rising food prices….and the political turmoil, threatens our global future.

Unless Governments 'quickly' redefine security and shift expenditures from military uses to investing in climate change mitigation, water efficiency, soil conservation, and population stabilisation, the world will in all likelihood be facing a very dismal future.

# Making Disabled Women More Visible

***Marie Anne Zammit***

The Disability Strategy 2020 is an initiative taken by the European Commission, covering the time frame between 2010 and 2020 with the aim of enabling individuals with disability to take part in all aspects of life.

This proposed Strategy will ensure access to EU funding, help raise public awareness about disability, and encouraging member governments to work together in removing obstacles to inclusion. Also, this will fulfill the commitment of the EU to the UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities.

On the 4th of June, along with members of Left wing organisation Zminijietna, and other organisations, I participated in the march organized in Valletta for raising awareness on individuals with disabilities. Also, to highlight the fact that Malta, unlike the EU had not ratified the 100th ratification on UN Disability Convention.

In the recent years, much has been achieved in integrating individuals with disability but women with disabilities are still not visible in all sectors of society. Women with disabilities are still being viewed as vulnerable, dependent and not in ordinary roles like ordinary women. Even when it comes to the media, these women either portrayed as victims or as exceptional people but rarely represented in ordinary roles or as professionals, performers and other roles allotted to other women.

According to recent reports by World Health Organisation and the International Labour Organisation, women around the world may be more at risk of becoming disabled due to neglect in health care, poor workforce or duties and to gender based violence. In certain regions across the globe, disabled women are more vulnerable to discrimination and violence, and more subject to illness, to the risk of poverty and social isolation when in comparison to other non disabled women.

In the European Union, 44 % of women with disabilities are unemployed when compared to 25% of disabled men. This is creating discrimination as women with disability may not fit in the stereotype as perceived by the employer. Obese women may face the same situation, where they are either not employed or offered jobs where they are not visible.

Studies by the OECD – Organization for Economic Cooperation and Development is an international organisation helping governments tackle the economic, social and governance challenges of a globalised economy suggests that 39 % to 68% of girls with intellectual or developmental disabilities are being sexually abused before turning eighteen. Women and girls with disabilities are being exposed to male violence, including sexual violence and sexual harassment, experience difficulties in expressing their suffering, are less likely to be understood, particularly those with intellectual abilities or with hearing disabilities.

Although, there may be no data on the rate of violence on disabled women, it does not necessary mean that some form of violence is not taking place. In fact, it is possible, that the most dangerous place for women with mental disability may be their homes. Women with mental disability may be more dependent on others for long term care and the risks of being discovered is perceived low by the perpetrator, whoever he or she may be.

In this context, it is necessary to come up with new strategies which enable women with disabilities to talk and express themselves with confidence and communicate their distress.

Another obstacle for disabled women is that of their own sexuality. This is often denied as the common idea often is that girls with disabilities have no sexual identity, nor a right to find a partner. In this area, more education and awareness is needed. Some men may find that having a sexual relationship with disabled women is difficult to conceive but this is only a distorted belief and taboo. The fact that disabled women may not fit the model promoted by the media does not mean that they are not entitled to sexuality.

These perceptions can be addressed through education and by providing access to family planning services and the same applies in the case of motherhood. Women with disabilities find it hard to have a family of their own as they are brought up to believe that they cannot have a relationship with a partner, let alone having children. Even, they may be discouraged from obtaining contraceptives and from becoming pregnant.

In view of this situation, initiatives should be aimed at changing attitudes and behaviour towards women with disabilities, focusing on educating and nurturing a sensitive response among society. Women with disabilities must be depicted in the media as other people in ordinary situations, or else expressing their views in everyday activities.

Women and girls should have the same opportunities to participate in artistic, cultural and even sports activities. The course of actions should go far an increasing in women s' participation in the community and even political life. This will be of an advantage to society at large and to consolidating the EU Disability Strategy.

# Partiti Komunisti minn 44 pajjiż jiltaqgħu fi Brussels

Tnejn u ħamsin delegat minn Partiti Komunisti u tal-Ħaddiema, li ġejjien minn 44 pajjiż differenti, fosthom dawk Afrikani, Asjatiċi, ta' Lvant Nofsani, l-Amerika u l-Ewropa, iltaqgħu ġewwa Bruxelles bejn it-13 u l-15 ta' Mejju għal Seminar Komunista Internazzjonali li kien ospitat mill-Partit tal-Ħaddiema tal-Belġju, (Parti de Travail de Belgique.)




It-tema tas-Seminar kienet "It-Tisħiħ tal-Partiti Komunisti illum meta l-kriżi sistematika tal-kapitaliżmu qed tipprofondixxi".

Ta' kull sena isir dan is-seminar ġewwa Bruxelles. L-ewwel wieħed kien sar fl-1992 u din is-sena kienet l-20 edizzjoni ta' dan is-seminar. Il-parteċipanti indirizzaw il-laqgħa billi tkellmu dwar l-esperjenzi konkreti ta' kif il-Partit tagħhom qed jaffrontata l-kriżi ekonomika, politika,u l-ġlieda ideoloġika u soċjali, fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Fost dawn kien hemm rappreżentanti mill-Partit Komunista ta' Greċja (KKE), ta' Spanja u l-Portugal, li lkoll tkellmu dwar ir-rwol tal-Partit fil-ġlieda kontra l-politika neoliberali, kif ukoll tkellmu dwar iż-żieda fl-appoġġ mill-Klassi tal-Ħaddiema fl-Elezzjonijiet Ġenerali.

Min dawn l-iskambji ta' fehmiet, opinjonijiet, u esperjenzi, wasslu biex jinħareg dokument finali.

Peress li s-seminar inżamm ftit xhur wara l-waqa' ta' reġimi pro Imperjaliżmu, fit-Tuneżija u l-Eġittu, bis-saħħa tal-klassi tal-ħaddiema u l-Unjins, importanza ingħatat l-aktar għall-iżviluppi li qed iseħħu f'dawn il-pajjiżi u l-perspettiva lejn id-dinja Għarbija.

Sessjoni sħiħa kienet iddedikata għal din l-kwistjoni, fejn diversi kelliema fosthom dawk ta' l-Alġerija, l-Eġittu, l-Iran, il-Libanu, il-Marokk, il-Palestina, is-Sirja u Tuneżija taw tagħrif dwar l-esperjenzi tagħhom reali għal avennimenti storiċi. Wara diskussjoni ġie mfassal u approvat dokument dwar is-sitwazzjoni fid-dinja Għarbija.

Fis-seminar tressqu numru ta' 'riżoluzzjonijiet speċifiċi', seba' b'kollox, li ġew approvati. Dawn kienu jittrattaw firxa ta' kwistjonijiet jaħarqu: fosthom is-solidarjetà ma' Kuba; favur il-paċi fil-peniżola Koreana; il-ġlieda kontra l-anti-komuniżmu u ripressjoni fuq nies bi twemmin komunista f'diversi pajjiżi, fosthom ir-Russja, il-Litwanja u l-Istati Uniti u kontra l-intervent imperjalista fil-Kosta ta' I-Ivorju; u s-sitwazzjoni fil-Kolumbja.

Il-Konklużjonijiet Ġenerali, id-dikjarazzjoni dwar il-Dinja Għarbija, ir-riżoluzzjonijiet u dokumenti tas-Seminar Komunista Internazzjonali 2011 huma disponibbli fuq is-sit *www.icsbrussels.org, f'diversi lingwi.*



LUDO MARTENS (1945-2011)

Kmieni filgħodu nhar il-Ħadd 5 ta' Ġunju 2011, wara marda twila u qerrieda, miet Ludo Martens, eks-president tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Belġju.

Flimkien ma' Paul Goossens u Walter De Bock, Ludo Martens kien wieħed mill-aktar mexxejja magħrufa ta' l-istudenti f'Mejju tal-1968 ġewwa l-Belġju.

Fl-1979, Ludo Martens kien strumentali fit-twaqqif tal-"Partit tal-Ħaddiema Belġjan (WPB)", li twieled mill-għaqda ta' bejn il-moviment tal-istudenti u l-moviment tal-Ħaddiema.

Ludo Martens fis-snin turbulenti tas-sebgħinijiet tas-seklu l-ieħor kien strumentali biex stimula lil Kris Merckx, li taħt il-prinċipju ta' "Inservu l-poplu" ġew imwaqqfa l-kliniċi "Mediċina għall-Poplu", li jipprovdu kura tas-saħħa b'xejn. Illum jeżistu 11-il klinika li jipprovdu kura għal aktar minn 25,000 pazjent. Din il-ħidma tibqa' waħda mill-kisbiet ewlenin tal-Partit tal-Ħaddiema Belġjan.

Martens ħalla ħafna kitba warajh fosthom "Another View of Stalin" li huwa ppubblika fl-1994, fejn fl-introduzzjoni huwa kiteb hekk : "Niddefendu x-xogħol ta' Stalin, essenzjalment aħna nkunu qed niddefendu l-Marxiżmu-Leniniżmu. Dan huwa ta' mportanza, u l-kompitu urġenti tagħna fil-preparazzjoni għall-ġlieda tal-klassi fl-Ordni Ġdida Dinija. Għal dan il-għan il-WPB fl-1999 bdew iniedu Seminar Internazzjonali Komunista.

Ludo Martens irtira mill-kariga ta' President tal-PTB fl-1999 u l-aħħar għaxar snin ta' ħajtu iddedikom f'ħidma ġewwa r-Repubblika Demokratika tal-Kongo, mal-moviment progressiv Kongoliż.

# Approvata l-Konvenzjoni favur id-drittijiet tal-Ħaddiema Domestiċi

Gvernijiet, min iħaddem u Unjins, f'Konferenza Internazzjoni tax-Xogħol ġewwa Ġinevra ivvotaw favur bi 396 vot, 16 kontra u 63 astenzjonijiet biex tiġi approvata il-Konvenzjoni favur drittijiet bażiċi għall-Ħaddiema Domestiċi magħrufa bħala *Domestic Workers Convention*. Din il-Konvenzjoni kien ila żmien twil biex tiġi diskussa. Filfatt ma' l-aħbar ta' l-approvazzjoni, ħafna ħaddiema li kienu fil-gallerija jsegwu l-konferenza dehru jibku bil-ferħ.

Fid-dinja nsibu madwar 21.5 miljun *ħaddiem domestiku* li ma jgawdu l-ebda protezzjoni legali. Fl-Amerika biss tospita mill-inqas 2.5 miljun minn dawn il-ħaddiema, bil-maġġor parti jkunu ħaddiema immigranti mill-pajjiżi ta' l-Amerika t'Isfel u dawk Ċentrali.

Normalment il-*ħaddiema domestiċi* huma l-aktar nisa, ġejjien minn familji foqra, fejn minħabba l-livell baxx ta' edukazzjoni, ftit li xejn għandhom ċans jsibu xogħol alternattiv. Dawn il-ħaddiema huma stess ħolqu x-xogħol li jikkonsisti f'li joffru servizz fil-kura u ħsieb ta' membri vulnerabbli fis-soċjetà – fosthom jieħdu ħsieb it-tfal ta' familji, l-anzjani, l-morda u persuni b'diżabilità. F'kelma oħra jaqdu l-ħtiġijiet u bżonnijiet ta' kuljum fid-djar privati f'dak li hu knis, tindif, ħasil ta' platti u ħwejjeġ, xiri, tisjir, manutenzjoni tal-ġonna u affarijiet oħra domestiċi. Jingħad li sa llum għad ma hawnx statistika ta' dawn il-ħaddiema, peress li dawn il-ħaddiema issibhom jaħdmu l-aktar fl-ekonomija s-sewda.

Madankollu, mingħajr dawn il-miljuni ta' ħaddiema 'multi-taskers', ħafna soċjetajiet u ekonomiji fid-dinja b'mod sempliċi ma jkunux jistgħu jaħdmu. Dawn il-ħaddiema fl-ekonomija mondjali huma magħrufin bħala 'l-ħaddiema nviżibbli', fejn id-drittijiet tagħhom huma miċħudin. Dawn il-ħaddiema huma suxxettibli għall-esplojtazzjoni, abbuż u jasar.

Il-ġid li jistgħu jagħtu fil-kontribuzzjoni tagħhom għall-ekonomija, ħafna drabi ma titteħidtx bis-serjetà, jew anke tiġi miċħuda, qisu xi 'estensjoni ta' xogħol tad-dar', li ma għandux valur ta' ħlas.

In-nies li jaħdmu f'dan il-qasam ma jqisux ruħhom bħala 'sefturi', 'servili' jew 'helpers' imma ħaddiema. Ilhom żmien twil jagħmlu kampanji sabiex fuq livell globali jiġu rikonoxxuti legalment.

Skond Karin Pape, ko-ordinatur ta' IDWN, l-approvazzjoni ta' din il-Konvenzjoni fil-konferenza ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) se tkun tfisser bidla tremenda għall-ħaddiema domestiċi f'dawk il-pajjiżi fejn huma esklużi mil-leġislazzjoni tax-xogħol u skemi ta' ħarsien soċjali. Hija tkompli tgħid li ħafna Gvernijiet wieġbu pożittivament għall-approvazzjoni, anke l-Indja u ċ-Ċina, minkejja li lmentaw li l-Konvenzjoni hija 'wisq deskrittiva'. Pożizzjonijiet oħra kienu jvarjaw, minn appoġġ għoli minn ħafna pajjiżi ta' l-UE għal ukoll dak minimu, u l-oppożizzjoni qawwija mill-pajjiżi tal-Golf Għarbi, u l-appoġġ sieket ta' Nepal u Sri Lanka. L-iskużi li nġiebu kienu varji, fost l-aktar komuni kienet li liġi ma tistax tiġi nfurzata fi djar privati.

Dawn il-ħaddiema full u part-time ser jkunu qed jgawdu minn drittijiet bażiċi tax-xogħol fosthom paga minima, dritt għall-assoċjazzjoni ħielsa, kuntratt ta' xogħol, leave annwali, l-aċċess għas-servizzi mediċi u l-libertà tal-moviment. Il-fatt li ħafna minn dawn il-ħaddiema huma nisa saret enfasi speċjali dwar il-protezzjoni tal-maternità.

Jeżistu pajjiżi fejn jeżistu diġa kundizzjonijiet tajba tax-xogħol għal dawn il-ħaddiema, fejn fl-Afrika t'Isfel, il-Gvern daħħal bl-liġi d-dritt ta' paga minima għall-ħaddiema domestiċi, filwaqt li fit-Tanzanija l-gvern inkluda l-ħaddiema domestiċi fl-iskema ta' sigurtà soċjali ta' l-Istat.

Il-Kampanja ta' ILO favur id-drittijiet bażiċi ta' Ħaddiema Domestiċi kienet imsejsa fuq "Xogħol diċenti għal kulħadd, u li verament jinkludi lil kulħadd, il-Konvenzjoni għad-Drittijiet tal-Ħaddiema Domestiċi jeħtieġ li ssir realtà".

*(Is-sors ta' l-informazzjoni ttieħed minn New Internationalist Issue June 2011 u ABC News)*

www.maltanalysis.com
media website
News :: Analysis :: Debate
contributions are now being accepted
email to: mariomifsud52@yahoo.com

